**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 21 ta' Jannar 2020**

**Rikors nru: 213/2019 AGV**

**AB (ID Nru: 6267 G)**
**Vs**
**CD (ID nru:99664 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' AB datata 13 ta' Mejju 2019 fejn espona bir-rispett ;

1. Illi l-partijiet izzewwgu fit- 8 ta Ottubru 1994 kif jirrizulta mic-certifkat anness u mmarkat bhala Dok. A;
2. Illi l-partijiet infirdu legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Elisa Falzon ippubblikat fit- 2 ta' Dicembru 2002 (kopja tal-kuntratt annesa u mamrkat Dok B);

3. Illi l-Avukat tal-esponenti ddiskutiet il-possiblita' ta' rikonciljazzjoni u forniet l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewwgin. Madankollu, ma hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
4. Ill l-partijiet ilhom legalment separati ma jghixux flimkien ghal aktar minn erba' snin.
5. Illi ma hemm ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.
6. Illi jikkonkorri il-kriterji kollha rikjesti mil-Ligi ghal hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara li z-zwieg bejn l-partijiet hu mahlul u l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-Ligi.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti, sabiex fi zmien prefiss mil-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti rat ir-risposta ta' CD datata 26 ta' Lulju 2019;

1. Illi l-esponenti topponi ghad-divorjzu stante li ma jezistux l-elementi kollha rikjesta mil-Ligi sabiex jigi moghti id-digriet tad-divorzju f' dal-istadju.
2. Illi AB ma onorax l- manteniment dovut lil-esponenti ai termini tal-klawsola 2, tal-kuntratt ta' sperazzjoni ippubblikat ft-2 ta' Dicembru 2002, u ghaldaqstant l-esponenti baqghet minghajr hlas.
3. Illi dal-manteniment huwa dovut fis-somma komplessiva ta' 8000 Ewro, huwa dovut lejn l-esponenti bhala manteniment ghat-tifla E, ghall- ghoxin

xahar u cjoe’ bejn Frar 2014 sa Settembru 2015, meta ghalqet tmintax-il sena.

4. Illi l-ammont mitlub ta’ tmien elef Euro arretrati jeskludi l-interssi dovuti skont il-Ligi u ghalhekk qed titlob di piu’ l-interessi, mid-data tal-iskadenzi.
5. Illi l-esponenti ma tixtieqx tbati l-ispejjez ta’ dal-proceduri stante illi hija mhix qed titlob id-divorzju u li huwa AB, li ha jgawdi minnu.

Rat il-verbal ta’ llum, fejn il-partijiet iddikjaraw li l-manteniment kien thallas ghas-saldu fil-mori tad-differiment, u li ghalhekk ma kienx hemm aktar oggezzjoni ghall-ghoti tad-divorzju.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lill-partijiet.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti.
Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien ghaxart ijiem, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex dan jigi mnizzel fir-Registru.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell qed jigi abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**